***Kunsill Lokali Ħamrun***
***683 A, Triq il-Kbira San Ġużepp,***
***Ħamrun***
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret il-mitejn u tnejn u sebgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar il-Erbgha 13 ta' Jannar 2010 fil-5.30p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Viċi Sindku |
| Dr. Johnaton Abela LL.D | Kunsillier |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bernardette Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Arthur Ellul | Kunsillier |
| Dr. Paula Mifsud Bonnici LL.D | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valletta | Kunsillier |

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-mitejn u wieħed u sebgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

## 4. Punti li joħorġu mill-minuti

### *4.1. Proġett tas-Suq*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret spezzjoni tal-propjetajiet li allegatament ġarbu ħsarat waqt it-tħaffir tas-sit tas-Suq mill-Perit tal-Kuntrattur, il-Perit u l-*Contracts Manager* tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Wara tħejja rapport u ftehim dwar il-passi li ser jieħu l-Kuntrattur fir-rigward l-istess ħsarat.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħlijiet jinsabu għaddejjin b'ritmu mgħaggel fejn dan l-aħħar sar kejl ieħor u inħareġ pagament ieħor lill-Kuntrattur. Il-Perit u l-*Contracts Manager* intalbu biex iressqu l-pariri tagħhom rigward il-ħruġ tal-offerti għall-*finishings* tal-proġett.

*4.2. Golden Stars Award 2009*

Is-Sindku rrapporta dwar l-andament taċ-Ċerimonja tal-Preżentazzjoni tal-*Golden Stars Award 2009* li sar fi Brussel. Is-Sindku spjega li s-Sindku l-ġdid ta' Carpineto Romano qed jaħdem fuq proġett biex f'Ottubru 2010 jitla kontinġent tal-baned ġewwa Carpineto Romano sabiex tiġi organizzata attivita` kulturali.

Is-Sindku spjega li huwa kien urtat bil-mod kif sar xi raportaġġ fuq l-*media* dwar il-*Golden Stars Award*.

Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera bl-istedina li saret mill-Kap ta' l-Oppożizzjoni Dr Joseph Muscat għal-laqgħa miegħu nhar il-Ħamis 14 ta' Jannar b'rabta mal-*Golden Stars Award*.

*4.3. Proġett I'm Your Guide*

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Għaqdiet ma resqu l-ebda isem ta' membru biex jattendi l-kors.

*4.4 Attivita` Milied mal-Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret laqgħa ma' rappreżentanti tal-Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni dwar l-Attivita` li ġiet organizzata f'Diċembru. Waqt il-laqgħa ġie mifthiem li l-Kunsill jivvota s-somma ta' €1000,00 għall-attivita pubblika. Sadanitant Dr. J. Abela nforma lill-Kunsill għalkemm provdilhom *platform* dan ma ntużax mill-bandisti.

*4.5 Ċitazzjonijiet lir-residenti li ma jkollhomx Residents Parking Permit*

Il-Viċi Sindku kellem lill-Uffiċjal Awtorizzat dwar ċitazzjonijiet li qed jinħarġu lir-residenti li ma jkollhomx ir-*Residents Parking Permit*. Ġie deċiż li jintbagħat *flyer* fid-djar ġewwa l-Ħamrun biex jiġu nfurmati li jridu jiksbu r-*Residents Parking Permit*. Ġie deċiż ukoll li l-Kunsill jixtri aktar arloġġi biex jinbiegħu mill-Uffiċju tal-Kunsill. Sadanitant il-Kunsill għandu jara mill-ADT jekk il-*parking bays* tal-ħin jistgħux jinżebgħu kulur differenti.

*4.6 Video dwar il-Ħamrun*

Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li qed jistenna stima mingħand is-Sur Henry Zammit Cordina għall-*video* informattiv dwar il-Ħamrun. Informazzjoni dwar il-Ħamrun ser tinkiseb mingħand is-Sur Anselm Sciberras, is-Sur Alfie Guillaumier u Dr. Ray Mangion.

*4.7 Triq Lord Byron*

Ġie deċiż li ssir laqgħa mal-*Contracts Manager* sabiex nevalwaw l-alternattivi għall-problemi li hemm fi Triq Lord Byron relatati mat-traffiku.

## 5. <u>Korrispondenza</u>

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-korrispondenza li rċieva l-Kunsill bejn it-3 ta' Diċembru 2009 u t-13 ta' Jannar 2010.

*5.1 Dipartiment għall-Gvern Lokali*

L-applikazzjoni tal-Kunsill għall-Fondi għall-Proġetti Speċjali biex jinfetaħ ix-xelter fit-Triq Atocia ma ġiex ikkunsidrat eleġġibli għall-fondi.

*5.2 Rampa fit-Triq Miggiani*

Il-Kummisjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita` ġiet infurmata li r-rampa fi Triq Miggiani ser titranġa sa l-aħħar ta' Jannar 2010.

*5.3 Ing. Michael D'Amato – Triq Mile End*

Is-Sur D'Amato kiteb lill-Kunsill fejn talab biex jikkunsidra jiftaħ permanentament ir-rampa li hemm fi Triq Mile End ma' Triq il-Kbira San Ġużepp. Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta għaliex meta tinfetaħ għall-attivitajiet pubbliċi, jkun hemm il-preżenza tal-Pulizija biex tirregola l-passaġġ tal-vetturi.

*5.4 Sur Carmelo Spiteri – Talba għall-ħadida*

Is-Sur Spiteri talab lill-Kunsill biex titwaħħal *barrier* tal-ħadid quddiem ir-residenza tiegħu peress li kien hemm inċident fejn vettura daħlet fil-parapett. Ġie deċiż li l-ittra tas-Sur Spiteri tiġi referuta lill-Awtorita` dwar it-Trasport.

*5.5 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Bye Law dwar kontrol tal-Ħamiem*

Il-Kunsill ġie nfurmat li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali approva l-*Bye Law* tal-Kunsill dwar kontrol tal-Ħamrun.

*5.6 Onor. Dr Chris Said – Konferenza ECAD*

Il-Kunsilli Lokali ġew infurmati li bejn il-21 u t-23 t'April 2010 ser issir konferenza mill-ECAD f'Għawdex. Huwa talab biex jirriservaw dawn id-dati.

*5.7 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Performance Bonus*

Il-Kunsilli Lokali ġew infurmati li din is-sena l-*Performance Bonus* għandu jiġi assessjat u deċiż matul Jannar 2010 u jinħadem fuq is-salarju ta' Jannar 2010.

*5.8 Discern – Bejgħ ta' kotba*

Il-Kunsilli ġew infurmati li l-Kummissjoni Ambjent tad-Djoċesi ippublikat rapport dwar il-konferenza fuq l-Ambjent fi ktieb. Il-prezz tal-ktieb huwa €5.00. Il-Kunsill iddeċieda li jixtri żewġ kopji tal-ktieb.

*5.9 Perit Kenneth Camilleri – Parkeġġ fi Triq Indri Cilia*

Il-Kunsill irċieva ittra mill-Perit Camilleri fejn talab biex issir kaxxa safra quddiem *store* li nbena fi Triq Pawlu Burlo, Ħamrun. Ġie deċiż li t-talba tiġi riferuta lill-Awtorita` dwar it-Trasport.

*5.10 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Allowance lill-Kunsilliera*

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali nforma lill-Kunsilli Lokali b'lista ta' kundizzjonijiet relatati mal-*Allowance* li ser tingħata lill-Kunsilliera ta' €600.00 f'Ġunju u €600.00 f'Diċembru ta' kull sena.

*5.11 Ċentru Laburista Mellieħa – Golden Stars Award*

Il-Kunsill rċieva ittra mill-Kumitat Laburista tal-Mellieħa biex jifraħ lill-Kunsill għar-rebħ tal-*Golden Stars Award*.

*5.12 Salvinu Zammit – Attivita Mużikali b'konnessjoni ma' Charles Camilleri*

Il-Kunsill irċieva ittra mis-Sur Zammit fejn staqsa jekk il-Kunsill hux interessat jorganizza attivita` b'konnessjoni ma' Charles Camilleri. Il-Kunsill iddeċieda li jinforma lis-Sur Zammit li jekk huwa isib *sponsors* għall-attivita`, il-Kunsill ikun lest jgħin fl-organizzazzjoni.

*5.13 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Urban Improvement Fund*

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali informa lill-Kunsilli Lokali bil-bilanċ ta' fondi li kull lokalita` għandha fil-fond tal-MEPA – *Urban Improvement Fund*. Il-Kunsill Lokali Ħamrun għandu bilanċ ta' €16,038.00.

*5.14 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Skema dwar Aċċessibilita` Aħjar fil-Lokalitajiet*

Il-Kunsilli Lokali ġew mitluba jissottomettu applikazzjonijiet taħt l-iskema dwar Aċċessibilita fil-lokalitajiet. Il-Kunsill se jara jistax jinkludi r-rampa fi Triq Miggiani fl-iskema.

*5.15 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Xogħlijiet ta' trinek fit-toroq mill-Kunsilli Lokali*

Il-Kunsilli Lokali ntalbu jipprovdu lid-Dipartiment b'lista ta' xogħlijiet ta' trinek li ser jagħmlu fil-lokalita` għall-ewwel kwart tas-sena 2010. Il-Kunsill iddeċieda li jinforma lid-Dipartiment li m'għandux ippjanat li jħaffer trinek fl-ewwel f'dan il-perjodu.

*5.16 Sur Salvinu Zammit – Il-Palio*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Zammit, President tal-Għaqda tal-Mużikali Immakulata Kunċizzjoni fejn staqsa meta ser jerġa' jingħata l-Palio kif ukoll talab biex fil-kopja b'xi mod tiġi *superimposed* il-Knisja tal-Kunċizzjoni. Il-Kunsill ser jara fejn jistgħu jsiru l-kopja, iżda l-Palio ser jibqa' kif oriġinarjament pitru l-artist.

*5.17 Sur Anthony Farrugia – Sinjali Sofor*

Is-Sur Farrugia talab lill-Kunsill biex isiru sinjali sofor quddiem il-garaxx li għandu fi Sqaq il-Kubrit għaliex dawn ma sarux mill-kuntrattur imqabbad mill-Gvern Ċentrali li għamel it-triq. Ġie deċiż li ssir talba lill-ADT biex japprova li jsiru *road markings* fi Sqaq il-Kubrit.

*5.18 Wasteserv Malta – Seminar*

Il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna jattendu seminar nhar il-Ġimgħa 22 ta' Jannar bejn id-9.00am u l-10.00am fil-*Mediterranean Conference Centre* biex jingħata informazzjoni dwar proġett ESF352 - *Care Creates Changes in People's Lives and the Environment*.

*5.19 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Xogħol fuq Toroq Residenzjali*

Il-Kunsilli Lokali ġew mitluba biex jinfurmaw lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bil-lista ta' toroq li ser jiġu *resurfaced* fl-2010 li tindika d-data li fiha ser isiru x-xogħlijiet u l-istimi tagħhom.

*5.20 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Skema dwar Proġetti ta' Enerġija Alternattiva*

Il-Kunsilli Lokali ġew mitluba jissottomettu applikazzjoni għall-fondi dwar proġetti ta' enerġija alternattiva. Il-Kunsill iddeċieda li jressaq proġett biex fl-Uffiċini Aministrattivi l-ġodda tal-Kunsill ikunu *self sufficient* fejn jirrigwarda d-dawl. Ġie deċiż tinkiseb stima biex tintbagħat flimkien mal-applikazzjoni sal-31 ta' Jannar 2010.

*5.21 Koperattivi Malta – Seminar Cooperatives for a Sustainable Environment*

Il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna jattendu seminar li ser jsir nhar il-Ġimgħa 22 ta' Jannar fil-lukanda Dolmen. Min jattendi jrid jagħżel il-*workshop* li jrid jipparteċipaw fih.

*5.22 Ċentru Fidi u Ġustizzja*

Il-Kunsilli ġew mistiedna jattendu *Catholic Social Teaching Course* organizzat miċ-Ċentru Fidi u Ġustizzja.

*5.23 Residenti u sidien ta' ħwienet – Petizzjoni dwar Gwardjani Lokali*

Il-Kunsill irċieva petizzjonijiet mingħand xi residenti u sidien tal-ħwienet dwar l-imġieba ta' Gwardjani Lokali. Ġie deċiż li kopja ta' din il-korrispondenza tingħata lill-Uffiċjal Awtorizzat.

*5.24 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Proġetti fil-Qalba tal-Lokalitajiet*

Il-Kunsilli Lokali ġew mitluba biex iwettqu proġetti li jtejbu l-prodott lokali li huma jistgħu joffru u jippromwovu aħjar l-awtentiċita tal-assi li huma għandhom fil-qalba tal-lokalita`. Is-Sur C. Valletta ssuġġerixxa li l-Kunsill jikkunsidra japplika għall-fondi biex jitwaħħlu *hanging baskets* bil-fjuri fil-kantunieri kollha tal-Ħamrun. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment.

*5.25 Sur Joseph Grech – Parkeġġ faċċata tal-Garaxx*

Il-Kunsill irċieva ittra mis-Sur Grech fejn ilmenta dwar parkeġġ ta' vetturi fuq *double yellow lines* li għandu faċċata tal-garaxx fi Triq Fra Gaetano Pace Forno. Huwa talab biex jiżdied l-infurzar u biex titwaħħal tabella ta' *towing*. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob lill-Uffiċjal Awtorizzat biex iżid il-*patrols* f'din it-triq. Sadanitant is-Sur Grech għandu jiġi infurmat li ma tistax titwaħħal tabella ta' *towing* kif mitlub.

*5.26 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Xogħlijiet fuq toroq matul 2010*

Il-Kunsilli Lokali ntalbu informazzjoni dwar toroq li hemm ippjanati li jsiru f'lokalitajiet kif ukoll jekk humiex interessati jidħlu fil-P.P.P sa nhar it-Tnejn 18 ta' Jannar 2010. Il-Kunsill iddeċieda li jinforma lid-Dipartiment li mhux ser ikun possibli li jagħti din l-informazzjoni sad-data mitluba.

*5.27 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Għajnuna għat-Twaħħil ta' Siġar*

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali nieda skema għal Għajnuna għat-Twaħħil ta' Siġar fil-lokalitajiet. Il-Kunsilli Lokali ntalbu jibagħtu ittra lid-Dipartiment flimkien ma' *site plan* li tindika kemm iridu siġar u x'tip. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob sabiex jingħata numru ta' siġar adattati biex jitwaħħlu ġewwa *pots* fuq partijiet wiesgħa fil-bankina fi Triq il-Kbira San Ġużepp peress li fil-Ħamrun il-postijiet bil-ħamrija huma limitati ħafna.

*5.28 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Laqgħa tal-Lokalita`*

Il-Kunsilli Lokali ġew infurmati li peress li s-sena finanzjarja tal-Kunsilli Lokali nbidlet, il-laqgħa tal-lokalita` trid issir matul ix-xahar ta' Jannar filwaqt li l-Estimi Finanzjarja u l-Pjan tal-Ħidma għandhom jitħejju u jiġu approvati sal-15 ta' Jannar 2010.

Ġie deċiż li l-laqgħa tal-lokalita` ssir nhar il-Erbgħa 27 ta' Jannar 2010 fis-6.00pm.

*5.29 Residenti Triq il-Kbira San Ġużepp – Talba għal żewġ fanali fil-parapett*

Il-Kunsill irċieva talba mir-residenti li joqogħdu fil-parapett li hemm fi Triq il-Kbira San Ġużepp sabiex jitwaħħlu żewġ fanali fl-istess parapett li jkunu jixgħelu u jitfgħu mad-dawl tal-Gvern sabiex jinqata' l-abbuż. Il-Kunsill iddeċieda li jinforma r-residenti kkonċernati li l-Enemalta ma twaħħalx dawl fi propjeta` privata.

*5.30 Sur Carlo Ciscaldi - Titbaxxa bankina quddiem garaxx*

Is-Sur Ciscaldi talab permess biex ibaxxi l-bankina quddiem garaxx li għandu fi 90, Triq San Gejtanu, Ħamrun. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob lis-Sur Ciscaldi biex iġib kopja tal-permess tal-MEPA sabiex jingħata permess mill-Kunsill biex ibaxxi l-bankina taħt is-sorveljanza tal-*Contracts Manager* tal-Kunsill.

*5.31 Perit Paul Buhagiar – Bini ta' build-out*

Il-Perit Buhagiar talab lill-Kunsill biex tinbena *build-out* fi Triq Govanni Barbara kantuniera ma' Triq l-Għasafar quddiem l-ewwel tlett residenzi. Il-Kunsill ma laqax it-talba minħabba li tinvolvi terzi persuni.

## 6. Rapporti tas-Sotto Kumitati

*6.1 Sotto Kumitat 1*

- Is-Sindku ssuġġerixxa li tiġi stampata *sticker* bil-*Golden Stars Award*. Il-Kunsill ma qabilx mas-suġġeriment iżda approva li meta jerġa jiġi stampat *stationery* tal-Kunsill jitniżżel – *Golden Stars Award Winner 2009*.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ilu ġimgħat jipprova jagħmel kuntatt mal-Perit Lara Demicoli, Manager Direttorat għall-Maniġjar tat-Traffiku sabiex jara f'hiex waslu talbiet tal-Kunsill. Huwa ġie nfurmat li fil-jiem li ġejjin din ser tagħmel kuntatt miegħu.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġew identifikati numru ta' siti fejn tpoġġew *bring-in sites* kif hemm provdut fil-ftehim li ġie ffirmat mal-Kumpanija Greenpak. Is-Sindku spjega li issa ser jitpoġġew numru ta' bring-in sites żgħar ħdejn il-*flats* tal-Gvern.

- Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kaxxa tal-offerti għat-Tender tat-Tindif ta' toroq fil-Ħamrun ser tiftaħ nhar it-Tnejn 15 ta' Frar 2010 fl-12.00pm.

- Il-Kunsill iddeċieda li issa li daħlu fis-seħħ l-emendi għall-Att XV tal-1993, għandha ssir talba lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex il-Kunsill jingħata approvazzjoni biex jimpjega r-raba' skrivana mal-Kunsill sabiex inkunu nistgħu nlaħqu bl-aħjar mod mad-diversi doveri u responsabilitajiet.

*6.2 Sotto Kumitat 5*

- Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li matul is-sena 2008, mitejn persuna fix-xahar daħlu fis-sit tal-Kunsill.

- Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li waqt l-aħħar laqgħa tal-Kumitat Konġunt ġie diskuss il-possibilita li jintbagħtu ittri lill-dawk il-persuni li għandhom ċitazzjonijiet pendeti għal aktar minn sena. Sadanitant ġie deċiż ukoll li l-flus ta' kontinġenza jingħataw lura lill-Kunsilli Lokali rispettivi.

*6.3 Sotto Kumitat 3A u 5A*

- Is-Sur A. Gullaimier intalab iħejji l-iskrittura għat-tabelli li ser jitwaħħlu fuq postijiet storiċi fil-Ħamrun. Is-Sotto Kumitat qed jaħdem ukoll biex jitħejja fuljett informattiv dwar l-istess siti storiċi. Dan ser isir bl-Ingliż u bil-Malti.

*6.4 Sotto Kumitat 7*

- Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li l-*Christmas Shopping Festival* jidher li kien suċċess. Dan ġie rifless fi *survey* li sar dwar il-bejgħ fil-Ħamrun

- Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li l-proċess biex jitħejja r-rapport dwar Żvilupp Sostenibbli fil-Ħamrun jinsab miexi 'l quddiem.

- Is-Sur C. Valletta ssuġġerixxa li l-Kunsill jibgħat ċirkulari lis-sidien tal-ħwienet tal-Ħamrun biex jinġabar informazzjoni dwar l-istess ħwienet. Sadanitant għandu jsir *poster* informattiv rigward il-parkeġġ bil-ħin biex jitqassam fil-ħwienet.

- Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li ġewwa Dunkerque, Franza bejn id-19 u l-21 ta' Mejju 2010 ser isir is-6th *European Conference on Sustainable Cities and Towns*. Huwa ssuġġerrixxa li jattendi għal din il-konferenza sabiex jikseb l-aħħar informazzjoni aġġornata dwar Żvilupp Sostenibbli ħalli jintuża għar-rapport li qed iħejji l-Kunsill. Il-ħlas għal parteċipazzjoni fil-konferenza huwa ta' €200.00. Il-Kunsill iddeċieda li jekk din il-konferenza ser tkun utli għar-rapport tal-Kunsill, s-Sur C. Valletta għandu jattendi l-konferenza.

Fit-8.00pm Dr P. Mifsud Bonnici ġiet skużata mil-laqgħa.

*6.5 Sotto Kumitat 2*

- Is-Sur A. Ellul nforma lill-Kunsill li kien qed jaħdem biex tintbagħat applikazzjoni lill-Unjoni Ewropeja sabiex issir attivita relatata mal-qastan bejn it-8 u t-13 ta' Diċembru 2010. Il-fondi li qed jitlob huwa ta' €12,000.00. Ġie deċiż li qabel li tintbagħat l-applikazzjoni jiġi stabbilit il-fondi li jridu jinħarġu mill-Kunsill u jiġi konfermat ukoll li l-*Commune di Carpineto Romano* huma lesti jipparteċipaw.

*6.6 Sotto Kumitat 4*

- Is-Sur M. Caruana ippropona li jiġi mġedded għal sentejn il-ftehim tal-istampar tal-fuljett tal-Kunsill bl-istess kundizzjonijiet. Il-Kunsill approva li jġedded il-ftehim.

- Is-Sur M. Caruana ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar it-tabella *Merħba* li hemm nieqsa fi Triq Karmenu Abela. Il-Kunsill iddeċieda li jordna tabella ġdida.

*6.7 Sotto Kumitat 3*

- Is-Sinjura C. Borg nfurmat lill-Kunsill li r-riċevimenti tat-tfal tal-Milied u l-wirja tal-Presepji kienu suċċess.

- Is-Sinjura C. Borg infurmat lill-Kunsill li nhar il-Ħadd 31 ta' Jannar is-Sotto Kumitat ser jorganizza żjara għall-*Casa Rocca Picolla* filwaqt li s-Sibt 20 ta' Frar ser isir *Country Night* fil-Plaza Hotel.

- Is-Sotto Kumitat qed jaħseb ukoll biex jorganizza *Buffet Breakfast* fid-19 ta' Marzu u *Weekend Break* f'Mejju.

- Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li l-Għaqda Ħbieb tal-Presepji lesta torganizza kors tal-*Crib Building* għar-residenti tal-Ħamrun. Ġie suġġerit li jsir b'kollaborazzjoni mal-Hobbies Society.

## 7. <u>Attivita tal-Karnival fil-Ħamrun</u>

Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li l-programm propost għall-Karnival ta' din is-sena ser jinkludi kompetizzjoni tal-kostumi għat-tfal, żfin, parata tal-baned u affarijiet oħra relatati mal-Karnival.

Huwa spjega li l-baned tal-Ħamrun intalbu jipparteċipaw bil-banda għall-ħlas ta' €465.82. Il-Viċi Sindku qed jissuġġerixxi li l-Kunsill jalloka s-somma ta' €3,261.12 għall-attivita tal-Karnival li ser issir il-Ġimgħa 12 ta' Frar fi Triq il-Kbira San Ġużepp bejn Triq Dun Nerik Cordina Perez u Triq Fra Diegu.

Il-Kunsill approva li jalloka din is-somma għal din l-attivita. Sadanitant il-Kunsill ser jipprova jikseb *sponsors* oħra għall-istess attivita.

## 8. <u>Performance Bonus</u>

*8.1 Maronia Psaila*

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-*Performance Bonus Appraisal* ta' l-iskrivana Maronia Psaila flimkien mal-kummenti tas-Sindku

Il-Kunsill qabel unanimament li tingħata l-massimu tal-*Performance Bonus*, jiġifieri 6%.

*8.2 Tiziana Bajada*

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-*Performance Bonus Appraisal* ta' l-iskrivana Tiziana Bajada flimkien mal-kummenti tas-Sindku

Il-Kunsill qabel unanimament li tingħata l-massimu tal-*Performance Bonus*, jiġifieri 6%.

*8.3 Fiorella Scicluna*

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-*Performance Bonus Appraisal* ta' l-iskrivana Fiorella Scicluna flimkien mal-kummenti tas-Sindku

Il-Kunsill qabel unanimament li tingħata l-massimu tal-*Performance Bonus*, jiġifieri 6%.

*8.4 Philip Massa*

Is-Sindku qara l-*Performance Bonus Appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv.

Il-Kunsill qabel unanimament li jingħata l-massimu tal-*Performance Bonus*, jiġifieri 10%.

## 9. <u>Ħwejjeġ oħra ta' natura urġenti</u>

*9.1 Patching*

Is-Sinjura J. Bugeja ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-bżonn ta' *patching* fi Triq Pawlu Burlo u Triq Mimosa. Ġie spjegat li Triq Mimosa hija taħt ir-responsabilta tal-Awtorita dwar it-Trasport għaliex hija teħtieġ tinbena mill-ġdid u mhux *patching*.

*9.2 Bollards tal-ħadid – Triq Mikiel Anton Vassalli*

Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li rċieva talba mir-residenti ta' Triq Mikiel Anton Vassalli biex jerġa' jwaħħal *bollard* tal-ħadid fil-*cul de sac* li hemm fl-istess triq. Ġie deċiż li din it-talba tiġi referuta lill-ADT.

## 10. <u>Schedule of Payments</u>

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-kontijiet li rċieva l-Kunsill sat-13 ta' Jannar 2010 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas ta' l-istess kontijiet.

## 11. <u>Aġġornament</u>

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30pm.

______________________
Vincent Bonello
Sindku
Kunsill Lokali Ħamrun

______________________
Philip Massa
Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Ħamrun

______________________
DATA